TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Raymond Chetcuti

vs

Godfrey Farrugia - Di Natura Ltd

CCT 52/16/MS

Illum 6 ta' Gunju 2016

It-Tribunal

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrent Raymond Chetcuti fid-9 ta' Marzu 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal illi jikundanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa li jhallas l-ammont ta' erba' mitt Euro (€400) bhala kumpens ghall-hsara subita f'sistema ta' pannelli solari installata mill-konvenut.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-12 ta' Marzu 2016.

Ra illi meta ssejhet il-kawza l-ewwel darba fit-18 ta' April 2016 deher biss ir-rikorrent Raymond Chetcuti.

L-intimat, imsejjah talent darbiet ma deherx u lanqas ma gab spjegazzjoni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Chetcuti bil-gurament fejn dana spjega illi huwa xtara sistema ta' ghaxar panelli solari b'hames inverters u li wiehed minnhom ma kienx qed jahdem u b'hekk il-produzzjoni tieghu tal-elettriku naqset b'wiehed fuq hamsa (1/5) bil-konsegwenza ta' telf ta' introjtu li kkalkola fl-ammont ta' €220.00 (mitejn u għoxrin euro) li flimkien ma' €190 (mija u disgħajn euro), il-prezz ta' inverter jgibu l-ammont ta' €410 (erbgħa mija u għaxar euros), li minnhom ir-rikorrent qed jitlob biss €400 (erbgħa mitt euro).

Peress illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni moghtija mill-konvenut u s-socjeta' minnu rapprezentata, ma jsib l-ebda raguni il-ghala ghandu jiddubita mix-xhieda guramentata tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-intimat u lis-socjeta' minnu rapprezentata li jirrifondi l-ammont ta' €400 (erbgħa mitt euro) lir-rikorrent, kif fuq inghad. Bl-ispejjes kontra l-intimat u l-isocjeta' minnu rapprezentata.

Av. Michela Spiteri
Arbitru